**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 556/2017 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Chantelle Casha)**

**vs**

**Melvin Debono**

**Illum 11 t'Ottubru 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Melvin Debono ta' 26 sena iben John Debono u Grace xebba Bezzina imwieled il-Pieta' nhar it-12 ta' Ġunju 1991 u joqgħod Palm Court Flat 2, Triq Melita, Paola u għandu numru tal-karta tal-identita' 304591M

Akkuzat talli nhar is-19 ta' Novembru 2017 ghal habta ta' 16:50 hrs u jew hinijiet ta' qabel u/jew wara gewwa Triq Hal Luqa u/jew f'dawn il-gzejjer meta kont fil-kontroll tal-vettura Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni TOP008:

1. Dolozament, ikkonsenja, qiegħed, spara jew sploda xi mezz letali li jista' jqiegħed f'periklu l-hajja ta' ħaddieħor jew għamel ħsara gravi lil ħwejjeġ ħaddieħor jehel meta jinstab hati, il-piena msemmija fl-artikolu 311 bil-fatt ma tigri ebda ħsara fuq il-persuna jew fil-ħwejjeġ ħaddieħor u dan bi ksur tal-artikolu 314A(1)
2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi, żammejt f'xi fond jew kellek fil-pussess tieghu taht il-kontroll tiegħek barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħek

xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkat fl-iskeda II mingħajr ma kellek liċenzja taht dan l-Att u dan bi ksur tal-Artikolu 5 (1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi żammejt f'xi fond armi tan-nar jew munizzjon u ma żammejt dawn l-armi maqfulin b'mod sigur u separat f'dak il-fond u li żammejt arma tan-nar ikkargat u dan bi ksur tal-Artikolu 5 (3) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi akkwista jew kellu f'idejh xi arma tan-nar jew munizzjon xort'oħra milli għax għandu liċenzja u naqas milli javża lil Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 41 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi ma żammx armi jew munizzjoni imniżżlin that l-iskeda I u l-iskeda II li jinsabu mal-Att, maqfulin sew f'post sigur ġewwa r-residenza tiegħu u naqas li tasigura li hadd ħlief ma jkollu aċċess għalihom bi ksur tar-regolamenti 8(b) u 15(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 480.02 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi garr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma kienitx fl-għatta tagħha jew spara xi arma tan-nar, waqt li kien inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal jew zona abitata oħra, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinċipali u dan bi ksur tar-regolament 18(2)(a) tal-A.L. 79/2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi f'kull każ ieħor mhux imsemmi f'dispożizzjoni ohra ta' dan il-Kodiċi, xjentement jissoprimijew b'xi mod iehor qered jew biddel it-traċċi jew l-indizzji ta' reat bi ksur tal-artikolu 111(2) tal-Kodiċi Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi ġewwa l-fond 7 Triq Hal Luqa, Paola u/jew fi Triq Hal Luqa, Paola, b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-Artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament hassart, jew għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor u cioe' ta' Giovanna Zahra u jew persuni ohra, mobbli jew immobbli liema dannu ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt Euro (2,500) izda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (250) rispettivament u dan bi ksur tal-Artikli 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
9. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi soqt vettura ta' ghamla Mercedes E350 bin-numru ta' reġistrazzjoni TOP008 b'manjiera traskurata bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65;
10. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi soqt vettura ta' għamla Mercedes E350 bin-numru ta' reġistrazzjoni TOP008 b'manjiera perikoluża bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) (2) tal-Kap 65
11. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi soqt vettura ta' għamla Mercedes E350 bin-numru ta' reġistrazzjoni TOP008 bla kont bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65

Il-Qorti hija ġentilment mitluba ukoll illi barra li tagħti l-piena, ai termini tal-artikolu 51(9) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta tordna s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taht l-Att dwar l-Armi ai termini tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tiskwalifika lil hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skont it-termini tal-Artikolu 15(4) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna is-sekwestru tal-vettura tal-ghamla Mercedes Benz E350 bin-numru tar-registrazjzoni TOP008 hekk kif ikkontemplat fl-artiklou 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll timpedixxi id-divjet tat-trasferiment tal-istess vettura lil terzi.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skont il-Ligi tordna r-revoka tad-digriet li bih Melvin Debono inghata il-beneficcju tal-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Grazio Mercieca LL.D. nhar il-5 ta' Settembru 2017 u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma bhala depozitu u garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija gentilment mitluba biex titratta mal-imputat bhala wiehed li rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi fil-Qorti ta' Malta li gew defenntivi u ma jistghux jinbidlu kif pruvat fl-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba f'kaz ta' sejbien ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' mill-Ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata fit-13 ta' Dicembru 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' NPS-PCR Person Details dok CC1, stqarrija tal-imputat dok CC2, kopja tar-rapport CC1, dettalji tal-vettura dok CC2, dettalji tas-sid tal-vettura dok CC3, talba biex jinhareg mandate t'arrest dok CC4, mandate t'arrest dok CC5, fedina penali dok CC6, ricevuta dok CC7, stills dok CC8, zewg footages dok CC9 u CC10, sett ta' ritratti dok CC11, esebieti formalment il-vettura, rapport ta' PC405 dok CC12, relazzjoni u skartocc Dok JA u dok JA1, dokument TM1, CD immarkata bhala dok EB1, rapport maghmul minn Donald Tabone, certifikat tal-imputat dok CER1 .

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil Spettur Chantelle Casha, Giovanna Zahra, Anton Agius, PS 831 Jonathan Bordieri, PS 602 Jonathan Attard, PC 1263 Bernard Bugeja, Stephen Cachia, PS 1258 Carmel Debattista, John Joseph Debono, Etienne Borda, PS 1336 Luke Vella Cassia, PC 1357 Brenton Gilford, Doris Caruana, Donald Tabone.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 29 ta' Jannar 2021 fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 5(3) u 51(9) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 41 u 51(8) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta
d) Fir-regolamenti 8(b), 15(a) u 91 tal-L.S. 480.02 u fl-artikolu 51(9) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fir-regolamenti 18(2)(a), 27(1)(a)(b)(c)(2) tal-L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Fl-Artikoli 111(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
g) Fl-Artikoli 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
h) Fl-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta
i) Fl-Artikoli 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
j) Fl-Artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
k) Fl-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
l) Fl-artikolu 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar 2021 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz ta l-bidu tieghu meta l-Pulizija rcevew telefonata minn certu Anthony Agius fejn infurmahom li Giovanna Zahra, anzjana li toqghod gewwa numru 7 triq Hal Luqa, Rahal il-Gdid kellha toqba mal-bieb. Mill-ewwel indagini min-naha tal-Pulizija kellmu lil Giovanna Zahra fejn qalet li fis-19 ta' Novembru 2017 semghet hoss qawwi u meta marret tara x'kien inqala ma rat xejn. Kien fil-fatt li meta nizlet isfel li rat it-toqba mal-bieb li ghal bidu hasbet li kienet ghaddiet xi karozza u tajret xi haga mal-bieb. Ghal din l-investigazzjoni ingabru filmati sabiex jaraw x'seta ikkaguna din it-toqba mal-bieb kif ukoll gew Pulizija tal-Forensika sabiex janalizzaw dak li seta' gara. Hareg minn dak li infurmahom PS 602 li fil-fatt kienet sehhet sparatura. Fil-fatt kien anki instab cartridge ta' arma tan-nar. Mill-filmati dehret vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni TOP008. Din il-vettura dehret tieqaf ftit il' fuq u minn naha tax-xufier harget idejn u ssehh l-isparatura. Illi din il-vettura kienet propjeta' ta' Joseph Debono u qallhom li ghalkemm kienet registrata fuqhu kien juzaha t-tifel tieghu ghax fil-fatt kien hu l-propjetarju. Meta gie arrestat l-istess Melvin Debono fuq il-kaz, dan irrifjuta li jgieb il-vettura lill-Pulizija. L-imputat ghalkemm irrilaxxa stqarrija wara li kien ikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu ma wiegeb xejn ghal mistoqsijiet lilu maghmula.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat huwa akkuza b'diversi reati fosthom li garr arma tan-nar, spara fl-abitat, b'sewqan traskurat u akkuzi serji ohra kif ukoll li rrenda ruhu li huwa recediv u ksur tal-helsien mill-arrest mghotija lilhu fuq kaz iehor.

**Il-Provi – fatti tal-kaz u l-prova cirkostanzjali**

Illi f'dan il-kaz xehedu diversi Pulizija li kienu involuti fil-kaz kif ukoll persuni ohra li kienu jafu xi haga fuq il-kaz. Illi ghandu jinghad li hadd mix-xhieda li xehedu f'dawn il-proceduri qalu li kien l-imputat li spara jew inkella li kien fl-istess vettura li allegatament intuzat biex sehhet l-isparatura fuq ir-residenza ta' Giovanna Zahra. Illi l-unika prova li waslet ghall-imputat kien biss filmat li wera li kien hemm vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni TOP008.

Illi mill-istess investigazzjoni hareg li din il-vettura hija registrata fuq Joseph Debono u mhux fuq l-imputat. Illi minn dak li qalet l-ufficjal prosekutur, Joseph Debono jigi missier l-imputat u ghalkemm registrata fuqhu, kien qallhom li hija propjeta' tal-istess imputat.

Illi għalhekk il-Qorti sabiex tasal għal konklużjoni jekk fiċ-ċirkostanzi kollha tistax tasal għal konklużjoni li kien l-imputat jew le taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, jkun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course, it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni l-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tifli wkoll provi ohrajn sabiex tkun tista' tasal ghal konkluzjoni. Illi ghalhekk mill-fatti u x-xhieda li ghandha quddiema din il-Qorti trid tasal ghal konkluzzjoni jekk fil-fatt l-imputat kienx il-persuni involut f'dan il-kaz. Illi tajjeb li ssir analizi ta xi gurisprudenza f'pajjizna li dahlu fl-analizi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci.

Kif gie deciz fl-ismijiet r-Repubblika ta' Malta v George Spiteri deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet issegwenti:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

Fil-kaz fl-ismijiet Pulizija vs Paul Grech deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

*'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-kaz Pulizija vs James Abela deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) gie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 gie ddikjarat illi:

*'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Harsa wkoll dak li jghid il-gurista Ingliz, C.B. Pollock fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' taghha qal hekk:

*'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the*

*whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of… (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).'*

Illi dan il-kaz huwa mibni kollhu kemm hu fuq provi indizzjarji fejn fuq numru ta' registrazzjoni ta' vettura TOP008 wassal biex jigu arrestati zewg persuni u cioe' Joseph Debono liema vettura hija registrata fuqhu kif ukoll l-imputat li suppost huwa l-propjetarju ta' din il-vettura. Illi sabiex jipprovaw il-kaz taghhom il-Pulizija gabru filmati u fost dan il-filmat dehret din il-vettura izda ma kien hemm ebda indikazzjoni li tidher xi persuna partikolari li qeghda twettaq dan ir-reat. Illi ebda prova ma ngiebet li kien l-istess imputat li ghalkemm suppost huwa l-propjetarju ta' din il-vettura ma tresqet l-ebda cirkostanza li tpoggi l-imputat fuq ix-xena tad-delitt. Huwa stat ta' fatt li din il-vettura setghet giet uzata izda l-Qorti mhiex konvinta bil-provi mressqa li tista' twassal ghal xi sejbien ta' htija li kien l-imputat.

Illi ħareġ li l-imputat kien ġie arrestat diversi ġimghat wara inkluż Joseph Debono. Illi għalhekk dan it-trapass taż-żmien li ma ġiex spjegat speċjalment meta l-unika prova kien filmat li poġġa vettura partikolari fuq ix-xena tad-delitt. Illi ghalhekk mill-provi ma kienx hemm indikazzjoni li kienu saru xi testijiet fuq il-persuna tal-imputat jew ta' Joseph Debono ghal *gun-shot residue* sabiex almenu jindika li kien fil-viċinanzi ta' sparatura u għalhekk ikun hemm prova cirkostanzjali li twassal għal xi haġa. Lanqas ma kien hemm talba sabiex jigi analizzat il-moviment tal-imputat jew ta' xi persuni ohra dwar il-mobile tiegħu fejn seta' kien dak il-hin tal-każ.

Illi dan in-nuqqas ta' provi cirkostanzjali u ta' fatti oħrajn din il-Qorti mhux moralment konvinta li kien l-imputat li ikkommetta dan ir-reat. Huwa minnhu li din il-vettura hija reġistrata fuq isem Joseph Debono iżda n-ness bejn l-impu0gtat u l-vettura ma tressqitx quddiem din il-Qorti.

Illi jidher ukoll li ebda arma ma nstabet u għalhekk aktar hija diffiċli li din il-Qorti tasal għal xi konklużjoni dwar sejbien ta' ħtija meta ebda indikazzjoni ma kien hemm li wassal għal xi ness ma' dak li sehh. Illi minn dak li qal l-istess PC 1357 Brenton Gilford ħareġ li l-imputat m'għandux armi reġistrati fuq ismu. Illi għalhekk żgur din il-Qorti ma tistax tasal għal ebda konklużjoni differenti meta kien hemm dawn in-nuqqasijiet fuq il-każ bħala provi mressqa. Illi anki mill-istess analiżi tal-filmat li nġabar ħareġ li kienet ukoll diffiċli sabiex wieħed jasal biex jiġi identifikat il-persuna li kien qiegħed isuq u għalhekk dan il-fatt jkompli jqanqal dubji dwar l-involviment tal-imputat f'dan il-każ.

Illi għalhekk bla dubju ta' xejn ladarba din il-Qorti ma tistax tasal għal konklużjoni li kien l-imputat li qiegħed isuq din il-vettura jew inkella li waqt li huwa kien fl-istess vettura sehhet xi sparatura. Illi għalhekk meta l-prova li l-imputat kien fl-istess vettura bħala sewwieq jew inkella passiġġier fiha, ma jistax jingħad li jista' jkun hemm xi sejbien ta' ħtija fuq akkużi oħrajn bħal ma dak li hemm dwar is-sewqan perikoluż, bla kont jew inkella bi traskuraġni. Illi ma dan il-fatt hemm ukoll li ebda arma ma nstabet u lanqas kien hemm xi indikazzjoni li saret xi tfittxija fl-istess residenza tal-imputat li seta' wassal għal xi konklużjoni li kien hemm xi arma jew xi haġa oħra li tindika fatt li kien hemm xi munizzjoni.

**Decide**

**Ghaldaqstant wara li din il-Qorti rat l-artikoli 5(1)(3),41 u 51(2)(8)(9) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Fl-Artikoli 17, 31, 23, 49, 50, 111(2), 325(1)(b), 533 u 579(1)(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fir-regolamenti 8(b), 15(a) u 91 tal-L.S. 480.02 tal-Ligijiet ta' Malta u fir-regolamenti 18(2)(a), 27(1)(a)(b)(c)(2) tal-L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta fuq nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imputat Melvin Debono hati u tilliberah minn kull htija u piena.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**